MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tat-30 ta' Novembru, 2005

Citazzjoni Numru. 1202/2002

**A f'ismu proprju u f'isem il-minuri B.**

**vs**

**C**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici datata 28 t'Ottubru 2002 a fol. 1 tal-process fejn gie premess:-

Illi l-hajja konjugali u l-koabitazzjoni bejn il-partijiet saru mpossibbli u dan ghar-ragunijiet diga' migjuba quddiem is-Sekond' Awla tal-Qorti Civili li b'digriet tad-9 ta' Lulju 2002 awtorizzat li tinbeda s-separazzjoni, kopja ta' digriet qieghed jigi anness u mmarkat bhala Dokument "A";

Illi dawn ir-ragunijiet huma sevizzi, ingurji gravi, theddid u vjolenza kommessa mill-konvenuta fil-konfront ta’ l-attur kif ukoll minhabba nkompatibbilta’ ta’ karattru;

Illi miz-zwieg bejn il-kontendenti twieldet tifla minuri bl-isem B;

Illi l-istess attur talab lil din il-Qorti sabiex ghar-ragunijiet premessi:-

1. Tiddikjara s-separazzjoni bejn il-kontendenti u dana bi htijiet imputabbli lilha, u dan ghar-ragunijiet premessi;

2. Tiddikjara xolta l-komunjoni ta’ l-akkwisti gja’ ezistenti bejn il-partijiet, tillikwida l-istess u tassenja nofs lill-attur u nofs lill-konvenuta;

3. Tafda l-kura u kustodja tat-tifla minuri B f’idejn il-missier u fin-nuqqas takkordalu access adegwat ghall-istess;

4. Tikkommina kontra l-istess konvenuta l-provvedimenti ta’ l-**artikolu 48 u 50 sa 55 tal-Kodici Civili;**

5. Tassenja d-dar konjugali lill-attur taht dak it-titolu u taht dawk il-provvedimenti xierqa ghall-kaz.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuta, ingunta ghas-subizzjoni, inkluzi fl-ispejjez dawk tas-Sekond’ Awla tal-Qorti Civili.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol. 3 tal-process;

Rat il-lista ta’ xhieda u d-dokumenti esebiti a fol. 3 sa 6 tal-process;

Rat id-digriet affidavit moghti lill-attur fis-26 ta’ Novembru 2002 fejn il-Qorti pprefiggietlu terminu ta’ sittin (60) gurnata sabiex jipprezenta x-xhieda kollha tieghu producibbli bil-procedura ta’ l-affidavits bin-notifika lill-kontro-parti jew lid-difensur taghha.

Rat ir-rikors tal-konvenuta datat 11 ta' Dicembru 2002 fejn filwaqt li talbet l-appuntament tal-kawza ghas-smiegh, talbet ukoll li l-attur jigi ordnat ihallas manteniment ghall-minuri B.

Rat id-digriet tal-Qorti tat-12 ta' Dicembru 2002 fejn ordnat lill-konvenuta tipprezenta nota guramentata fi zmien hamest ijiem fejn tindika b'dokumenti x'introjtu ghandha, bin-notifika lill-kontro-parti li nghata l-istess zmien ghal-nota fejn huwa wkoll jelenka kemm jippercipxxi ntrojtu.

Rat in-nota tal-konvenuta datata 13 ta' Jannar 2003 li biha ndikat l-introjtu taghha kif rikjest.

Rat id-digrieti sussegwenti tal-Qorti, wiehed datat 12 ta' Frar 2003 fejn ordnat li r-rikors flimkien man-nota guramentata tal-konvenuta jigu notifikati lill-attur li fi zmien jumejn ghandu jipprezenta risposta u n-nota tieghu kif gja' rikjest, u dak tas-17 ta' Frar 2004 fejn it-talba tal-konvenuta ghal hlas ta' manteniment mill-attur giet michuda.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenuta tal-15 ta' Jannar 2003 a fol. 21 tal-process fejn gie eccepit:-

1. Illi l-allegazzjonijiet ta' l-attur rigward sevizzi, ingurji gravi, theddid u vjolenza fir-rigward ta' martu l-konvenuta huma nveritjeri u ghalhekk qeghdin jigu kkontestati. Il-kawza tat-tkissir taz-zwieg kien il-karattru oppressiv u aggressiv ta' l-attur, kif jigi muri fil-kawza. Barra minn hekk, l-attur abbanduna l-htigijiet tal-familja kemm dawk finanzjarji kif ukoll ohrajn biex ikun jista' jaghmel xoghol estensiv fir-razzett ta' missieru bi flus li jappartjenu lill-komunjoni ta' l-akkwisti, bir-rizultat illi l-piz finanzjarju u responsabbiltajiet li jkollha familja b'tifla zghira waqghu kollha fuq l-eccipjenti. Ghalhekk, l-eccipjenti taqbel li ghandha tigi ddikjarata s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti, izda mhux minhabba htijiet imputabbli lilha.

2. Illi l-kura tal-minuri B m'ghandhiex tinghata lill-attur sija ghaliex l-attur dejjem jirrepeti lit-tifla li ommha ma tridx li jibqghu flimkien. Il-qsim tar-responsabbilta' ghat-tifla

b'*joint custody* m'huwiex arrangament tajjeb u sar meta d-difensur ta' l-eccipjenti kien assenti minn Malta u ma setax jattendi ghas-seduta. Bizzejjed jinghad illi minn qabel Lulju 2002 sal-lum, l-attur mhux qed ihallas manteniment lanqas ghal bintu meta din tghaddi erbat ijiem u nofs fil-gimgha ma' ommha, li trid tahsbilha ghal kollox. Illi l-eccipjenti thoss illi s-Sekond' Awla ta' din il-Qorti ma hasbitx adegwatament ghall-manteniment ta' B, u ghalkemm din tkun dawk il-granet kollha tal-gimgha ma' l-eccipjenti, trid tmantniha hi.

3. Illi m'ghandhomx jigu kkomminati kontra l-eccipjenti l-provvedimenti ta' l-artikolu 48 u 50 sa 55 tal-Kapitolu 16 kif qed jitlob l-attur.

4. Illi l-hames talba mhix kontestata peress li d-dar konjugali kienet tappartjeni lill-attur minn qabel iz-zwieg – salv id-dritt ghal prelevament rapprezentant l-ispejjez li saru fid-dar wara d-data taz-zwieg.

Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda tal-konvenuta a fol. 22 u 23 tal-process.

Rat il-kontro-talba tal-konvenuta rikonvenzjonanti **C** a fol. 24 fejn gie premessi illi:-

Illi l-hajja konjugali m'ghadhiex aktar possibbli minhabba tortijiet attribwibbli lill-attur, fosthom mohqrija, theddid u ngurji gravi kommessi minnu u peress illi z-zwieg tkisser irrimedjabbilment.

Illi l-istess konvenuta rikonvenzjonanti talbet lil din il-Qorti sabiex ghar-ragunijiet premessi:-

1. Tippronunzja s-separazzjoni bejn il-kontendenti minhabba tortijiet imputabbli lill-attur, fosthom mohqrija, theddid u ngurji gravi kommessi minnu, kif ukoll ghaliex iz-zwieg tkisser irrimedjabbilment.

2. Tordna li l-kura u kustodja tat-tifla B tigi mhollija f'idejn l-omm C, salv id-dritt ta' access lill-attur.

3. Tapplika kontra l-attur, interament jew in parti, id-dispozizzjonijiet relattivi tal-Kodici Civili dwar separazzjoni li huma applikabbli ghall-kaz.

4. Tordna c-cessazzjoni tal-komunjoni ta' l-akkwisti.

5. Tiddikjara xolta l-komunjoni ta' l-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet u tordna l-qasma bejn il-partijiet b'dan illi jittiehed qies ta' l-oggetti li huma proprjeta' parafernali jew personali.

6. Tinnomina Nutar Pubbliku biex jircievi l-att ta' divizjoni relattiv u kuratur biex jirrapprezenta lill-eventwali kontumaci.

7. Tiffissa l-manteniment ghat-tifla B.

Bl-ispejjez kontra l-attur li huwa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda tal-konvenuta rikonvenzjonanti a fol. 25 sa 27 tal-process.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet ta' l-attur rikonvenzjonat tas-6 ta' Frar 2003 a fol. 29 tal-process fejn gie eccepit:-

1. Illi t-talba numru 6 hija zejda *stante* illi l-unika proprjeta' immobiljari li ghandhom li tinhtieg att pubbliku hija d-dar konjugali u din kif taccetta l-konvenuta tappartjeni lil missier l-attur.

2. Illi t-talbiet l-ohra huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u mhux fl-ahjar interess tal-minuri *stante* illi kienu l-partijiet stess illi ftehmu quddiem is-Sekond' Awla kif kellu jitqassam il-hin u anke sahansitra qabel dahlu s-Sekond' Awla.

3. Il-partijiet it-tnejn jahdmu u ghalhekk jikkontribwixxu ghall-manteniment tat-tifla. Barra minn hekk il-missier minbarra li jmantniha waqt li tkun mieghu jixtrilha bosta

oggetti ta’ lbies li jaghmilhom minghajr ebda ordni minn xi Qorti.

4. It-talbiet l-ohra huma repetizzjoni ta’ l-istess talbiet li ghamel l-attur fic-citazzjoni originali.

Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda ta’ l-attur rikonvenzjonat a fol. 30 tal-process

Rat ir-rikors tal-konvenuta datat 11 ta’ Frar 2003 fejn talbet li wara c-cirkostanzi li nqalghu bil-prezentata ta’ l-eccezzjonijiet u kontro-talba, taghtiha l-permess li tressaq bhala xhud lin-Nutara Roberta Bisazza, anke jekk l-attur jaghmel oppozizzjoni ghal tali talba.

Rat ir-risposta u d-digriet sussegwenti tal-Qorti datat 21 ta’ Novembru 2003 fejn filwaqt li ordnat lill-istess konvenuta tikkonferma l-kontenut tar-rikors taghha bil-gurament fi zmien jumejn, laqghat it-talba b’dan li tigi ffissata seduta mill-Assistent Gudizzjarju sax-xahar ta’ Dicembru 2003 biex tixhed l-imsemmija Nutara.

Rat in-nota ta’ l-attur **A** tat-12 ta’ Marzu 2003 li permezz taghha esebixxa l-affidavit tieghu.

Rat il-verbali tat-13 ta’ Marzu 2003 fejn il-partijiet qablu li *nonostante* dak kontenut fl-affidavit ta’ l-attur, l-oggetti tal-komunjoni ghandhom jinqasmu bin-nofs bejniethom. Intalab differiment ghall-gbir tal-provi jew tranzazzjoni, u sabiex il-partijiet jilhqu jitkellmu dwar l-access tal-minuri. Il-Qorti ssuggeriet lill-attur biex jikkunsidra l-kwistjoni tal-manteniment tal-minuri; u tat-3 t’April 2003 fejn wara li l-Qorti giet infurmata li tranzazzjoni ma sehhitx, inghata digriet nota guramentata. Il-Qorti filwaqt li estendiet it-terminu ghall-prezentata ta’ l-affidavits attrici b’erbghin gurnata, innominat lil Dr. Vincent Galea bhala Assistent Gudizzjarju u ordnatlu biex wara tali terminu jiffissa zewg seduti ghall-konkluzjoni provi attrici.

Rat in-nota guramentata ta’ l-atturipprezentata fid-29 t’April 2003.

Rat ukoll in-nota guramentata tal-konvenuta datata 12 ta’ Mejju 2003.

Rat in-nota ta’ l-attur datata 14 ta’ Mejju 2003 li permezz taghha esebixxa l-affidavits tal-genituri tieghu **Josephine** u **Charles Payne**.

Rat is-seduta mizmuma mill-Assistent Gudizzjarju fis-16 ta’ Gunju 2003 fejn xehed **Gaetano Cilia**. L-attur iddikjara li lest li jhallas hamsa u ghoxrin lira Maltin bhala manteniment ghall-minuri B, minbarra li gja’ qed ihallas polza t’assikurazzjoni ta’ hamsa u tletin lira Maltin (Lm35) fuq hajjet l-istess bintu, liema polza ha jibqa’ jhallas sakemm il-minuri taghlaq it-tmintax-il sena.

Rat in-nota ta’ l-attur **A** datata 24 ta’ Gunju 2003 fejn ipprezenta affidavit ulterjuri tieghu.

Rat il-verbal tas-26 ta’ Gunju 2003 fejn inghata digriet affidavit lill-konvenut b’terminu ta’ erbghin gurnata, wara liema terminu l-Qorti ordnat lill-Assistent Gudizzjarju sabiex jiffissa tliet seduti ghall-konkluzjoni tal-provi.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma quddiem l-Assistent Gudizzjarju fil-15 ta’ Lulju 2003 fejn rega’ xehed **Gaetano Cilia**.

Rat in-nota tal-konvenuta **C** datata 12 t’Awissu 2003 li permezz taghha esebiet l-affidavit taghha u xi dokumenti ohra.

Rat ir-rikors ta’ l-attur tat-13 t’Awissu 2003 fejn talab li jigi stabbilit access mal-minuri fil-granet tat-Tlieta mis-2:30 p.m. sa l-Erbgha fit-2:30 p.m. u mis-Sibt fis-2:30 p.m. sat-Tnejn fis-2:30 p.m. filwaqt li fil-granet l-ohra tkun mal-konvenuta, kif ukoll li jigi awtorizzat jiehu lil bintu B ghall-lezzjonijiet tal-privat kull nhar ta’ Hamis mill-10:00 sa 12:00 p.m. fil-granet tas-sajf, u f’gurnata ohra matul il-

granet skolastici skond ma jigi suggerit mill-istess ghalliem.

Rat ir-risposta tal-konvenuta datata 4 ta' Settembru 2003, in-nota ta' l-Assistent Gudizzjarju tal-5 ta' Settembru 2003, u d-digriet sussegwenti datat 9 ta' Settembru 2003 fejn il-Qorti cahdet it-talba attrici u ordnat li jinzammu s-seduti ndikati mill-Assistent Gudizzjarju.

Rat ir-rikors tal-konvenuta datat 18 t'Awissu 2003 fejn talbet li jigi varjat il-hinijiet ta' l-access wara qbil bejn il-partijiet.

Rat id-digriet tal-Qorti datat 16 t'Ottubru 2003, fejn peress li minkejja li r-rikors tal-kovenuta gie notifikat lill-attur dan xorta baqa' ma pprezentax risposta, il-Qorti laqghat it-talba tal-konvenuta u ordnat li l-granet u l-hinijiet minnha ndikati jigu addottati ghall-access ta' l-istess minuri.

Rat in-nota tal-konvenuta datata 9 ta' Settembru 2003 fejn permezz taghha ndikat li baqghalha biss tressaq bhala xhud rapprezentant tal-Malta Freeport biex b'hekk hija wkoll tkun ikkonkludiet il-provi taghha.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem l-Assistent Gudizzjarju Dr. Vincent Galea fit-3 t'Ottubru 2003 fejn xehed l-**attur** in kontro-ezami; tat-23 t'Ottubru 2003 liema seduta giet kancellata; u ta' l-10 ta' Novembru 2003 fejn xehdet il-konvenuta **C** u rega' sar ri-ezami ta' l-attur **A**.

Rat in-nota tal-konvenuta tat-12 ta' Novembru 2003 li permezz taghha esebiet l-affidavits tal-genituri taghha **Anthony** u **Mary Anne Ferrito**.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma quddiem l-Assistent Gudizzjarju fid-19 ta' Novembru 2003 fejn xehed **Frank Azzopardi** u l-**konvenuta**.

Rat il-verbal tas-seduta tal-20 ta' Novembru 2003 fejn l-Assistent Gudizzjarju nforma lill-Qorti li l-provi nghalqu. Il-Qorti cahdet it-talba ta' Dr. Daniela Chetcuti ghall-attur ghall-isfilz ta' l-affidavitsipprezentati mill-konvenuta fit-12

ta’ Novembru 2003. Wara li Dr. Joseph Brincat qal li gie nfurmat li fl-assenza tieghu saru kummenti dispreggjattivi minn mid-difensur tal-konvenuta, Dr. Tonio Azzopardi ppreciza li filwaqt li hu minn jeddu quddiem is-Sekond’ Awla kien talab differiment sabiex l-attur ikun assistit, kien jippretendi li jsir l-istess meta huwa bhala difensur tal-konvenuta kien imsiefer. Il-Qorti ordnat lill-Assistent Gudizzjarju sabiex fi zmien hamest ijiem jinformaha x’gara ezatt bejn id-difensuri, u rriservat li tiehu l-passi kollha opportuni, inkluz li tirrapporta l-kaz lill-Kamra ta’ l-Avukati u l-Kummissjoni ghall-Amministrazzjoni tal-Gustizzja. L-Assistent Gudizzjarju gie ordnat ukoll jiffissa zewg seduti kull parti ghall-konkluzjoni tal-kontro-ezamijiet rispettivi.

Rat in-nota ta’ l-Assistent Gudizzjarju pprezentata minnu fit-28 ta’ Novembru 2003 in ottemperanza ma’ dak ordnat minn din il-Qorti.

Rat ir-rikors ta’ l-attur datat 9 ta’ Dicembru 2003 fejn talab li jkollu access ghal bintu B mill-24 ta’ Dicembru 2003 fid-9:00 p.m. sal-gurnata tal-Milied fis-1:00 p.m. sabiex mieghu tkun tista’ tattendi ghall-funzjoni tal-Milied, tkanta fil-kor u tqatta’ l-lejl u l-gurnata tal-Milied, filwaqt li jkollu access ukoll fl-Ewwel tas-sena mis-6:00 p.m. sat-8:00 a.m. tat-2 ta’ Jannar 2004.

Rat ir-risposta tal-konvenuta u d-digriet sussegwenti tal-Qorti tas-26 ta’ Dicembru 2003 fejn cahdet it-talba.

Rat ir-rikors ta’ l-attur datat 16 ta’ Jannar 2004 fejn talab varjazzjoni fil-hinijiet ta’ l-access u li din il-Qorti tkellem lil minuri B biex tara x-xewqat taghha dwar il-kura u kustodja u l-istess access.

Rat ir-risposta u d-digriet sussegwenti tal-Qorti fejn filwaqt li cahdet it-talba rriservat li tkellem lill-minuri aktar ’il quddiem fil-kors tal-kawza.

Rat is-seduti mizmuma quddiem l-Assistent Gudizzjarju fil-25 ta’ Frar 2004 u tal-15 ta’ Marzu 2004 fejn xehdet **il-konvenuta** in kontro-ezami.

Rat ir-rikors tal-konvenuta tal-15 ta’ Marzu 2004 fejn talbet li bejn is-17 u t-18 ta’ Lulju 2004 it-tifla tkun maghha biex tkun *flower girl* fit-tieg ta’ huha.

Rat ir-risposta u d-digriet sussegwenti tal-Qorti tas-26 ta’ Marzu 2004 fejn laqghat it-talba *stante* li ma saret l-ebda oggezzjoni.

Rat is-seduti mizmuma mill-Assistent Gudizzjarju Dr. Vincent Galea fit-23 ta’ Marzu 2004 u fl-24 ta’ Marzu 2004 fejn sar il-kontro-ezami ta’ l-**attur**.

Rat il-verbal ta’ l-1 t’April 2004 fejn il-Qorti ordnat li tinzamm l-ahhar seduta sabiex jinghalqu l-provi. Il-Qorti tirreferi l-incident rapportat lilha fl-20 ta’ Novembru 2003 lill-Kummissjoni ghall-Amministrazzjoni tal-Gustizzja u tordna li din ghandha tinghata kopja tal-verbal ta’ l-istess gurnata u tan-nota ta’ l-Assistent Gudizzjarju datata 28 ta’ Novembru 2003.

Rat ir-rikors ta’ Dr. Tonio Azzopardi fejn b’referenza ghall-verbali tal-20 ta’ Novembru 2003 u dak ta’ l-1 t’April 2004 gibed l-attenzjoni tal-Qorti li Dr. Joe Brincat qatt ma talab xi azzjoni minn din il-Qorti, tant ghax il-kaz kien *de minimis*. Ghaldaqstant talab li l-Qorti tirrevoka *contrario imperio* d-digriet moghti fl-1 t’April 2004 fejn saret komunika lill-Kummissjoni ghall-Amministrazzjoni tal-Gustizzja.

Rat id-digriet tas-6 t’April 2004 fejn il-Qorti cahdet it-talba.

Rat il-verbal tas-seduta tat-3 ta’ Mejju 2004 mizmuma mill-Assistent Gudizzjarju Dr. Vincent Galea fejn kompla jixhed l-**attur** in kontro-ezami.

Rat il-verbal tat-8 ta’ Gunju 2004 fejn il-Qorti giet infurmata li l-provi nghalqu. Fuq talba ta’ Dr. Daniela Chetcuti l-Qorti pprefiggiet terminu ta’ erbghin (40) gurnata lill-attur ghall-prezentata ta’ nota t’osservazzjonijiet bil-visto / notifika lid-difensur tal-kontro-parti li jkollu l-istess terminu ghal nota responsiva. Il-Qorti

nnotat li s-seduti ta’ l-Assistent Gudizzjarju mhumiex fil-process u ordnat li dawn jidhlu minnufih.

Rat in-noti ta’ sottomissjonijiet wahda pprezentata mill-attur fit-3 t’Awissu 2004, u dik tal-konvenuta datata 13 ta’ Settembru 2004.

Rat il-verbal tat-18 ta’ Novembru 2004.

Rat in-nota ta’ l-attur datata 1 t’April 2005 li permezz taghha esebixxa kopja ta’ ftehim rigward l-access ghall-minuri B, u kopja ta’ decizjoni tal-Qorti tal-Magistrati li kienet ghamlet referenza ghaliha l-konvenuta.

Rat il-verbali tas-6 t’April 2005 fejn il-Qorti ddiferiet il-kawza ghall-finali trattazzjoni halli tisma’ l-pretensjonijiet tad-difensuri, u tal-21 ta’ Gunju 2005 fejn il-kaz gie fil-fatt trattat u differit ghal sentenza *in difetto ostacolo* ghat-30 ta’ Novembru 2005. Il-Qorti rriservat li jekk thoss il-bzonn tkellem lill-minuri in kamera, u f’dan il-kaz tikkomunika mad-difensuri. Il-Qorti ssuggeriet li f’dak li qed jaqblu l-partijiet ghandhom jibdew isegwuh immedjatament.

Rat ir-rikors tal-konvenuta datat 28 ta’ Lulju 2005 fejn talbet li l-attur jigi ordnat ihallas manteniment ta’ hamsin lira Maltin (Lm50) fix-xahar ghal bintha, b’effett mill-1 ta’ Gunju 2005. Rat ir-risposta u d-digriet sussegwenti tat-12 ta’ Settembru 2005 fejn il-Qorti cahdet it-talba f’dan l-istadju olterat tal-kawza, b’dan li tkun lesta tirrikjama l-kawza biex is-sentenza tinghata qabel jekk ikun il-kaz.

Rat il-verbal tas-seduta ta’ l-1 ta’ Settembru 2005 fejn il-Qorti rrikjamat il-kawza sabiex kellmet lill-minuri *in camera* u hadet konjizzjoni tax-xewqat ta’ l-istess minuri. Fil-fatt il-minuri esprimiet ix-xewqa li fil-*weekends* tithalla tqatta’ aktar hin mal-kugini ghand in-nanniet materni. Il-Qorti nfurmat lill-genituri bix-xewqat tal-minuri, u wara li dawn ikkonsultaw bejniethom fuq l-istess, waslu fi ftehim li jemendaw l-access b’tali mod li kull tielet gimgha tax-xahar il-missier jiehu lit-tifla mill-Gimgha wara l-iskola sal-Hadd fit-8:00 a.m., wara liema perjodu mbaghad it-tifla tqatta’ l-kumplament tal-Hadd sat-Tnejn ma’ l-omm. Wara

dan l-arrangament ikompli jsegwi l-access attwali. Il-partijiet qablu li diment li jiftehmu bejniethom jistghu dejjem jaghzlu gimgha ohra flok it-tielet gimgha f'kaz ta' bzonn. L-istess partijiet talbu li dan il-ftehim milhuq jigi nkorporat fis-sentenza.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

**<u>II. KONSIDERAZZJONIJIET.</u>**

Illi din hija kawza ta' separazzjoni fejn il-partijiet izzewgu fl-4 ta' Novembru 1994 u ghandhom tifla wahda jisimha Celanie li llum ghandha *circa* ghaxar (10) snin. Jidher car li din il-kawza hija karatterizzata b'pika esegerata mill-partijiet, fejn dawn sahansitra jimpika fuq il-kura u kustodja u l-access ta' binthom minuri. Din il-pika esegerata tinsab manifestata mill-atti kollha processwali f'din il-kawza, inkluz il-komportament tal-partijiet anke fil-kontenut tax-xhieda taghhom, bin-numru esegerat ta' rikorsi *pendente lite* li gew epprezentati tul il-kors tal-kawza, u anke mill-allegazzjonijiet serji li dawn ghamlu fil-konfront ta' xulxin, liema allegazzjonijiet kienu karatterizzati minn tghajjir kontinwu. Dan l-atteggjament baqa' jippersisti tul il-kawza kollha *nonostante* l-isforzi li saru mill-Assistent Gudizzjarju Dr. Vincent Galea sabiex il-partijiet jippruvaw jaslu ghal xi forma ta' ftehim, liema sforzi ma ma wasslu ghal xejn, minn kif indikat mill-verbali li saru fl-istess seduti quddiem l-imsemmi Assistent Gudizzjarju. Dan gie wkoll rifless mill-verbali li saru quddiem din il-Qorti, kif ukoll mill-istess rikorsi pprezentati mill-partijiet u d-difensuri taghhom. Il-mod kif il-partijiet kienu decizi ghall-ahhar li jaghmlu minn kollox sabiex jippregudikaw lil xulxin huwa wkoll rifless mill-kontenut tan-noti ta' osservazzjonijiet li pprezentaw, fejn apparti t-tul esegerat ta' l-istess noti, ipprezentaw ukoll dokumenti ohra minghajr l-awtorizzazzjoni tal-Qorti. Fil-fatt in-nota ta' l-osservazzjonijiet ta' l-attur ghandha 24 faccata u maghha gew esebiti d-dokumenti Dok. “W1” sa Dok. “W6” minn fol. 361 sa fol. 368 tal-process. Min-naha l-ohra dik tal-konvenuta fiha wkoll 32 faccata (fol. 370 sa 401)

b'volum ta' dokumenti annessi maghha fosthom dak a fol. 407 tal-process li jikkonsisti f'inkartament minnu nnifsu voluminuz.

Illi wara li ezaminat bir-reqqa l-provi kollha prodotti, inkluz d-dokumenti kollha esebiti, u l-atti l-ohra kollha pprezentati mill-partijiet, inkluz is-sottomissjonijiet bil-miktub u orali maghmula mill-partijiet u d-difensuri taghhom, din il-Qorti thoss li din il-firda personali ghandha ssehh u hija attribwibbli liz-zewg partijiet. Ghaldaqstant it-tnejn li huma huma responsabbli *stante* li huma hatja ta' eccessi, sevizzi, u ngurji gravi fil-konfront ta' xulxin, tant li rrendew il-hajja ta' bejniethom impossibbli. Dwar dan din il-Qorti tirreferi ghax-xhieda estensiva tal-partijiet, kemm ghal dak li huwa xhieda bl-affidavit, kif ukoll ghax-xhieda mehuda *viva voce,* fejn il-kontendenti rispettivament isemmu numru kbir ta' ncidenti bejniethom li wasslu hafna drabi ghall-glied bejniethom, kultant anke bl-idejn, apparti wkoll tghajjir kontinwu, li sfortuntament baqa' jsir matul l-istess kawza. Dan minkejja li llum il-gurnata l-istess partijiet huma separati *de facto.* Illi ghalhekk din il-Qorti thoss li l-ewwel talba attrici u l-ewwel talba tal-konvenuta fil-kontro-talba taghha ghandhom jigu miqugha, b'dan li z-zewg partijiet huma flimkien u daqs xulxin responsabbli ghal dan it-tkissir taz-zwieg.

Illi dwar il-kura u kustodja tal-minuri, din il-Qorti tinnota li l-istess partijiet qat ma taw widen ta' l-interess suprem ta' binthom, tant li dejjem dahhluha fil-pika ta' bejniethom. Anzi, aktar ma din il-Qorti ppruvat twassal lill-partijiet ghall-ftehim dwar l-istess, donnu aktar kibret u kompliet hraxet il-pika bejniethom. Fil-fehma ta' din il-Qorti din is-sitwazzjoni certament li holqot diffikultajiet lill-istess minuri. Ghal din ir-raguni din il-Qorti biex tissalvagwardja l-interessi ta' l-imsemmija minuri, ghazlet li tkellem lil bint il-kontendenti.

Illi wara li rat l-atti kollha tal-kawza u a bazi ta' dak premess jirrizulta, li huwa fl-interess ta' l-istess minuri li l-kura u l-kustodja tibqa' konguntiva bejn l-omm u l-missier, b'dan li l-istess genituri ghandhom jaghmlu minn kollox sabiex ma jkollhom l-ebda dizgwid bejniethom quddiem

binthom. Barra minn hekk hadd mill-partijiet ma ghandu jitkellem, jew isemmi lill-genitur l-iehor f’sens negattiv, partikolarment waqt li dawn ikunu fil-prezenza tal-minuri. Ghal dan il-ghan din il-Qorti qed tinnomina lill-Agenzija Appogg sabiex timmonitorja u tissorvelja s-sitwazzjoni, b’dan ukoll li l-istess Agenzija ghandha tqabbad *social worker* sabiex issegwi l-progress tal-minuri u zzomm kuntatt maghha, anke biex tassigura li jigu salvagwardjati l-interess tal-minuri, kif ukoll biex tara li ma ssirx l-ebda pressjoni fuqha minn l-ebda wiehed mill-genituri taghha jew xi familjari ohra, u dan a spejjez taz-zewg partijet. Illi ghal dan l-iskop din il-Qorti tordna lill-partijiet sabiex jinnotifikaw kopja legali ta’ din is-sentenza lill-Agenzija Appogg sabiex l-istess Agenzija taderixxi ruhha ma’ dak hawn degretat. Is-*social worker* hekk nominata ghandha tara li qabel xejn tfisser u tfiehem tali direttivi u ordnijiet dwarha lill-istess minuri u tara li tali kuntatt jinzamm maghha regolarment.

Illi wara li rat ic-cirkostanzi kollha tal-kaz u wara li din il-Qorti kellmet ukoll lill-istess minuri jidher li l-arrangament attwali ghandu jibqa’ jsehh b’dan li l-minuri tkun ma’ l-attur mill-Erbgha mis-2:30 p.m. sal-Hamis fis-2:30 p.m u mis-Sibt fis-2:30 p.m. sat-Tnejn fis-8:30 a.m. Fil-kumplament tal-granet tkun ma’ l-omm, u cjoe’ mit-Tnejn fit-8:30 a.m. sa l-Erbgha fis-2:30 p.m. u mill-Hamis mis-2:30 p.m. sas-Sibt fis-2:30 p.m. dejjem skond ftehim bejn il-partijiet esebit mill-attur b’nota datata l-1 ta’ April 2005 u mmarkat bhala Dok. “WEP 1” a fol. 411 tal-process. Tali ftehim huwa ffirmat mill-istess partijiet u mill-Avukati Dr. Daniela Chetcuti u Dr. Tonio Azzopardi, u jinsab datat 14 ta’ Ottubu 2004. Illi dan l-access ta’ kull genitur ghall-istess minuri ghandu jsehh fl-assenza ta’ terzi persuni tas-sess oppost li ma humiex parti mill-familja ta’ wiehed mill-partijiet. L-Agenzija Appogg ghandha tara li l-istess arrangament jigi osservat miz-zewg partijiet u li ma ssir l-ebda pressjoni kwalunkwe fuq l-istess minuri.

Illi dwar manteniment jirrizulta li z-zewg partijiet attwalment jahdmu u ghandhom impjieg fiss, u ghalhekk ma hemmx lok li din il-Qorti tordna lil xi parti thallas xi manteniment lill-partijiet l-ohra. Fi kwalunkwe kaz din il-

Qorti thoss li ghandhom jigi applikati kontra l-partijiet rispettivament d-dispozizzjoni ta’ l-**artikolu 48 tal-Kap 16,** b’dan ghalhekk li kull parti qed tigi ddikjarata li tilfet kull dritt ta’ manteniment minghand il-parti l-ohra.

Illi fir-rigward ta’ manteniment ghall-minuri din il-Qorti thoss li kull parti ghandha tikkontribwixxi ghall-bzonnijiet ta’ l-istess minuri fil-granet u l-hinijiet meta mieghu jew maghha skond il-kaz fil-hinijiet fuq indikati, b’dan pero’ li l-istess partijiet ghandhom jaqsmu bin-nofs l-ispejjez kollha relatati ma’ l-edukazzjoni ta’ binthom, inkluz mizata jew donazzjoni, xiri ta’ uniformi, kotba u *stationery*, trasport lejn u lura mill-iskola, lezzjonijiet tal-privat (li dwarhom jaqblu z-zewg partijiet), hlas ta’ ezamijiet, u lezzjonijiet tal-pjanu kif ukoll spejjez inkorsi ghas-sahha, inkluzi dawk ta’ medicinali u visti medici, ordinarji u straordinarji. Barra minn dan din il-Qorti tordna lill-missier sabiex jikkontribwixxi ulterjorment bhala kontribuzzjoni tieghu ghall-manteniment ta’ l-istess minuri s-somma ta’ hamsin lira Maltin (Lm50) fix-xahar, liema ammont huwa pagabbli lill-omm ghall-istess minuri. Din il-Qorti tordna li dan l-ammont jibda jithallas b’effett mid-data ta’ din is-sentenza, kull xahar bil-quddiem u dan ukoll billi jitnaqqas direttament mill-paga ta’ l-attur mill-*employer* tieghu u jintbaghat direttament lill-konvenuta fir-residenza taghha. Din il-Qorti tordna lill-konvenuta sabiex a spejjez taghha tinnotifika kopja legali ta’ din is-sentenza lill-*employer* ta’ l-attur sabiex dan jaderixxi ruhu ma’ dak hawn ordnat fit-termini tal-ligi. Fl-ahharnett tordna lill-istess missier sabiex ikompli jhallas il-*Life Insurance Policy Number* 552283 tal-minuri mal-MiddleSea Valletta Life Assurance Company Limited kif jidher li kien u baqa’ jaghmel anke fil-mori ta’ dawn il-proceduri.

Illi dwar il-komunjoni ta’ l-akkwisti ta’ bejn il-partijiet din il-Qorti taqbel li ghandha tigi ddikjarat xolta b’effett mid-data ta’ din is-sentenza, u kwantu ghall-likwidazzjoni u divizjoni taghha taqta’ u tiddeciedi *arbitro boni viri* s-segwenti:-

Billi tordna l-bejgh in subbasta tal-garaxx bl-isem “Springvale” New Street in Slipway Street, Marsascala u mir-rikavat ta’ l-istess l-ewwel jithallas il-kont tad-dawl u

ilma fl-ammont ta’ mitt lira Maltin u disgha u sittin centezmu (Lm100.69) lill-Water Services Corporation skond kont esebit bhala Dok. “W3” a fol. 365 tal-process, u l-bilanc mir-rikavat jinqasam bin-nofs bejn il-partijiet.

Illi *stante* li l-partijiet qablu li kienu saru xoghlijiet b’kemm jiswew elfejn, hames mija u hamsin lira Maltin (Lm2,550) fil-fond “Casita Mia”, Triq Sant’Anna, Marsascala, u sitt elef lira Maltin (Lm6,000) fir-razzett “Il-Harruba Farmhouse”, Bidbi Road, Marsascala, u dan kif jirrizulta kemm mill-verbali li saru quddiem din il-Qorti kif ukoll min-nota ta’ osservazzjonijiet tal-partijiet, tordna lill-attur ihallas lill-konvenuta nofs l-ammont ta’ dawn l-ispejjez, u cjoe’ l-ammont ta’ erbat elef u mitejn u hamsa u sebghin lira Maltin (Lm4,275) bl-imghax legali mid-data tas-sentenza sa l-effettiv pagament.

Illi ghal kull *buon fini* jigi ddikjarat li z-zewg immobbli “Casita Mia”, Triq Sant’ Anna, Marsascala u “Il-Harruba Farmhouse”, Bidbi Road, Marsascala fuq indikati huma proprjeta’ ta’ Charles u Josephine Payne, il-genituri ta’ l-attur, fatt mhux kontestat mill-partijiet, b’dan li kontijiet dwar is-servizzi ta’ l-istess ghandhom jithallsu mill-attur. F’dan il-kuntest tordna lill-konvenuta sabiex fi zmien xahrejn mid-data ta’ din is-sentenza taghti c-cavetta lill-attur tal-fond “Casita Mia”, Triq Sant’ Anna, Marsascala.

Illi dwar oggetti mobbli kull parti ghandha zzomm il-mobbli li effettivament jinsabu fil-pussess taghha, b’dan pero’ li konvenuta ghandha tiehu t-*television* filwaqt li l-attur jiehu l-*video player.* Din il-Qorti tordna wkoll li l-attur ghandu wkoll jikkompensa lill-konvenuta bil-hlas tas-somma ta’ sitt mitt lira Maltin (Lm600) bhala kumpens ghas-sehem taghha miz-zewg settijiet tas-sodda li huwa kkapparra ruhu minnhom fil-mori tal-kawza, u jhallasha wkoll is-somma ta’ elf, tmien mija u tletin lira Maltin (Lm1,830) rapprezentanti pagamenti li l-istess konvenuta ghamlet mill-introjtu taghha ghall-akkwist tal-pjanu msemmi fil-kawza, liema pjanu llum sar arrangament dwaru mal-bejjiegh u gie akkwistat minn missier l-attur, ovvjament bla ma giet involuta l-konvenuta. B’hekk anke bl-applikazzjoni ta’ l-**artikolu 48 tal-Kap 16** kontra l-attur, l-attur ghandu

jhallas lill-konvenuta l-ammont ulterjuri ta' elfejn, erba' mija u tletin Lira Maltin (Lm2,430) bhala s-sehem taghha mill-istess spejjez inkorsi mill-komunjoni ta' l-akkwisti, u anke ghaliex l-ispejjez tal-pjanu saru mill-introjtu taghha. Din is-somma ghandha tithallas mill-attur lill-konvenuta bl-imghax legali ta' tmienja fil-mija (8%) mid-data tas-sentenza sa l-effettiv pagament.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuta biss inkwantu l-istess huma b'xi mod inkompatibbli ma' dak fuq deciz, u filwaqt li **tastjenti milli tiehu konjizzjoni tal-hames talba, tilqa' t-talbiet attrici l-ohra biss fis-sens hawn deciz,** b'dan illi:-

1. Tiddikjara s-separazzjoni bejn il-kontendenti u dana bi htijiet imputabbli liz-zewg partijiet, *stante* li kull parti kienet hatja *verso* l-parti l-ohra u *vice versa* ta' sevizzi, eccessi, mohqrija, u ngurji gravi li kawza ta' l-istess il-konvivenza bejniethom saret impossibbli tant li z-zwieg tkisser irrimedjabbilment. Jinghad ukoll li dan sehh anke minhabba nkompatibilita' ta' karattru.

2. Tiddikjara xolta l-komunjoni ta' l-akkwisti gja' ezistenti bejn il-partijiet mid-data ta' din is-sentenza u kwantu ghall-likwidazzjoni u divizjoni ta' l-istess din il-Qorti taqta' u tiddeciedi *arbitro boni viri* s-segwenti:-

Illi din il-Qorti tordna l-bejgh in subbasta tal-garaxx bl-isem "Springvale" New Street in Slipway Street, Marsascala u mir-rikavat ta' l-istess l-ewwel jithallas il-kont tad-dawl u ilma fl-ammont ta' mitt lira Maltin u disgha u sittin centezmi (Lm100.69) lill-*Water Services Corporation* skond kont esebit bhala Dok. "W3" a fol. 365 tal-process, u l-bilanc mir-rikavat jinqasam bin-nofs bejn il-partijiet.

Illi dwar oggetti mobbli kull parti ghandha zzomm l-mobbli li effettivament jinsabu fil-pussess taghha, b'dan pero' li konvenuta ghandha tiehu t-*television* filwaqt li l-attur jiehu l-*video player.* Din il-Qorti tordna li l-attur ghandu wkoll

ghar-ragunijiet fuq indikati jhallas lill-konvenuta s-somma ulterjuri ta' elfejn, erba' mija u tletin Lira Maltin (Lm2,430) ghas-sehem taghha mill-mobbli fuq indikati u ghall-ispejjez tal-pjanu li hija ghamlet mill-introjtu taghha, u dan b'applikazzjoni anke ta' l-**artikolu 48 tal-Kap 16** kontra l-attur. Din is-somma ulterjuri ta' elfejn, erba' mija u tletin lira Maltin (Lm2,430) ghandha tithallas mill-attur lill-konvenuta wkoll bl-imghax legali ta' tmienja fil-mija (8%) mid-data tas-sentenza sa l-effettiv pagament.

Illi ghal kull bwon fini jigi ddikjarat li z-zewg immobbli "Casita Mia", Triq Sant' Anna, Marsascala u "Il-Harruba Farmhouse", Bidbi Road, Marsascala fuq indikati huma proprjeta' ta' Charles u Josephine Payne, il-genituri ta' l-attur u l-partijiet, fatt mhux kontestat mill-partijiet, b'dan li kontijiet dwar is-servizzi ta' l-istess ghandhom jithallsu mill-attur. F'dan il-kuntest tordna lill-konvenuta sabiex fi zmien xahrejn mid-data ta' din is-sentenza taghti c-cavetta lill-attur tal-fond "Casita Mia", Triq Sant' Anna, Marsascala.

3. Tilqa' din it-talba biss fis-sens li tafda l-kura u kustodja tat-tifla minuri B konguntivament bejn l-omm u l-missier, b'dan li l-istess genituri ghandhom jaghmlu minn kollox sabiex ma jkollhom l-ebda dizgwid bejniethom quddiem l-istess minuri, kif ukoll li joqoghdu lura milli jsemmu lill-genitur l-iehor f'sens negattiv, partikolarment waqt li l-istess genituri jkunu fil-prezenza tal-minuri. Ghal dan il-ghan ukoll li din il-Qorti qed tinnomina lill-Agenzija Appogg sabiex timmonitorja u tissorvelja s-sitwazzjoni fl-interess ta' l-istess minuri, u dan billi l-istess Agenzija qed tigi nkarigata tqabbad *social worker* sabiex issegwi l-progress ta' l-imsemmija minuri u zzomm kuntatt maghha, anke biex tara li l-interessi tal-minuri jigi salvagwardati, u li ma ssir l-ebda pressjoni fuqha minn xi hadd mill-genituri jew membri ohra familjari, u dan a spejjez taz-zewg partijet. Illi ghal dan l-iskop din il-Qorti tordna lill-partijiet sabiex jinnotifikaw kopja legali ta' din is-sentenza lill-Agenzija Appogg sabiex l-istess Agenzija taderixxi ruhha ma' dak hawn degretat. Is-*social worker* hekk nominata ghandha tara li qabel xejn tfisser u tfiehem tali direttivi u

ordnijiet dwarha lill-istess minuri u tara li tali kuntatt jinzamm maghha regolarment.

Illi din il-Qorti tordna wkoll li ghandu jibqa’ fis-sehh l-arrangament attwali dwar ir-residenza u l-access ta’ l-istess minuri b’dan li l-minuri tkun ma’ l-attur mill-Erbgha fis-2:30 p.m. sal-Hamis fis-2:30 p.m. u mis-Sibt fis-2:30 p.m. sat-Tnejn fis-8:30 a.m. Fil-kumplament tal-granet tkun ma’ l-omm, u cjoe’ mit-Tnejn fit-8:30 a.m. sa l-Erbgha fis-2:30 p.m. u mill-Hamis fis-2:30 p.m. sas-Sibt fis-2:30 p.m. dan ukoll skond ftehim bejn il-partijiet esebit mill-attur b’nota tieghu datata l-1 ta’ April 2005 u mmarkat bhala Dok. “WEP 1” a fol. 411 tal-process, b’dan pero’ li kif miftiehem bejn il-partjiet fis-seduta ta’ l-1 ta’ Settembru 2005 kull tielet gimgha tax-xahar il-missier jiehu lit-tifla mill-Gimgha wara l-iskola sal-Hadd fit-8:00 a.m. Wara dan il-perjodu mbaghad it-tifla tqatta’ l-kumplament tal-Hadd sat-Tnejn ma’ l-omm. Wara, ikompli jsegwi l-arrangament attwali dwar l-access. Il-partijiet qablu li diment li jiftehmu bejniethom jistghu dejjem jaghzlu gimgha ohra flok it-tielet gimgha f’kaz ta’ bzonn.

Illi dan l-access ta’ kull genitur ghall-istess minuri ghandu jsehh fl-assenza ta’ terzi persuni tas-sess oppost li ma humiex parti mill-familja ta’ wiehed mill-partijiet. L-Agenzija Appogg ghandha tara li l-istess arrangament jigi osservat miz-zewg partijiet u ma ssir l-ebda pressjoni kwalunkwe fuq l-istess minuri.

Illi fir-rigward ta’ manteniment ghall-minuri din il-Qorti thoss li kull parti ghandha tikkontribwixxi ghall-bzonnijiet ta’ l-istess minuri fil-granet u l-hinijiet meta l-istess minuri tkun mal-missier jew ma’ l-omm skond il-kaz u l-hinijiet fuq indikati, b’dan pero’ li l-partijiet ghandhom jaqsmu bin-nofs l-ispejjez kollha relatati ma’ l-edukazzjoni ta’ l-istess minuri, inkluz mizata jew donazzjoni, xiri ta’ uniformi, kotba u *stationery*, trasport lejn u lura mill-iskola, lezzjonijiet tal-privat li dwarhom jaqblu z-zewg partijiet, hlas ta’ ezamijiet, u lezzjonijiet tal-pjanu, kif ukoll spejjez inkorsi ghas-sahha ta’ l-istess minuri, inkluzi dawk ta’ medicinali u visti medici, ordinarji u straordinarji. Barra minn dan din il-Qorti tordna lill-missier sabiex

jikkontribwixxi ulterjorment bhala kontribuzzjoni tieghu ghall-manteniment ta’ l-istess minuri s-somma ta’ hamsin lira Maltin (Lm50) fix-xahar, liema ammont huwa pagabbli lill-omm ghall-istess minuri. Din il-Qorti tordna li dan l-ammont jibda jithallas b’effett mid-data ta’ din is-sentenza, kull xahar bil-quddiem u dan ukoll billi jitnaqqas direttament mill-paga ta’ l-attur mill-*employer* tieghu u jintbaghat direttament lill-konvenuta fir-residenza taghha. Sabiex din l-ordni tigi esegwita tordna lill-konvenuta sabiex a spejjez taghha tinnotifika kopja legali ta’ din is-sentenza lill-*employer* ta’ l-attur sabiex dan jesegwixxi ruhu ma’ din l-ordni fit-termini tal-ligi. Fl-ahharnett tordna lill-istess missier sabiex ikompli jhallas il-*Life Insurance Policy Number* 552283 mal-MiddleSea Valletta Life Assurance Company Limited tal-minuri kif jidher li kien u baqa’ jaghmel anke fil-mori ta’ dawn il-proceduri.

4. Tilqa’ t-talba biss fis-sens li tikkommina kontra z-zewg partijiet l-provvedimenti ta’ l-**artikolu 48 tal-Kodici Civili**.

5. Tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta’ din it-talba *stante* dak provdut aktar ’il fuq.

Bl-ispejjez kollha jinqasmu bin-nofs bejn il-partijiet. Il-Qorti tordna li kopja ta’ din is-sentenza tigi notifikata u komunikata a spejjez tal-partijiet lill-Agenzija Appogg u lill-Kummissarju tat-Tfal.

Illi dwar il-**kontro-talba tal-konvenuta**, ghall-istess motivi, din il-Qorti, **taqta’ u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet ta’ l-attur rikonvenzjonat biss inkwantu l-istess huma b’xi mod inkompatibbli ma’ dak fuq deciz, filwaqt li **tichad is-sitt talba tal-konvenuta rikonvenzjonanti fil-kontro-talba taghha, tilqa’ t-talbiet l-ohra tal-konvenuta fil-kontro-talba taghha biss fis-sens hawn deciz,** b’dan illi:-

1. Tippronunzja s-separazzjoni bejn il-kontendenti minhabba tortijiet imputabbli liz-zewg partijiet, *stante* li kull parti kienet hatja *verso* l-parti l-ohra u *vice versa* ta’ sevizzi, eccessi, mohqrija, u ngurji gravi li kawza ta’ l-istess il-konvivenza bejn il-partijiet saret impossibbli u z-

zwieg tkisser irrimedjabbilment. Jinghad ukoll li l-istess zwieg tkisser irrimedjabbilment anke minhabba nkompatibbilta' ta' karattru.

2. Tilqa' din it-talba biss fis-sens li tafda l-kura u kustodja tat-tifla minuri B konguntivament bejn l-omm u l-missier, b'dan li l-istess genituri ghandhom jaghmlu minn kollox sabiex ma jkollhom l-ebda dizgwid bejniethom quddiem l-istess minuri, u wkoll li hadd mill-partijiet ma ghandu jitkellem, jew isemmi lill-genitur l-iehor f'sens negattiv partikolarment waqt li jkunu fil-prezenza tal-minuri. Ghal dan il-ghan din il-Qorti qed tinnomina lill-Agenzija Appogg sabiex tqabbad *social worker* sabiex issegwi l-progress tal-minuri u zzomm kuntatt maghha, anke biex tassigura li jigu salvagwardjati l-interess tal-minuri, kif ukoll biex tara li ma ssirx l-ebda pressjoni fuqha minn l-ebda wiehed mill-genituri taghha jew xi familjari ohra, u dan a spejjez taz-zewg partijet. Illi ghal dan l-iskop din il-Qorti tordna lill-partijiet sabiex jinnotifikaw kopja legali ta' din is-sentenza lill-Agenzija Appogg sabiex l-istess Agenzija taderixxi ruhha ma' dak hawn degretat. Is-*social worker* hekk nominata ghandha tara li qabel xejn tfisser u tfiehem tali direttivi u ordnijiet dwarha lill-istess minuri u tara li tali kuntatt jinzamm maghha regolarment.

Illi din il-Qorti tordna wkoll li ghandu jibqa' fis-sehh l-arrangament attwali dwar ir-residenza u l-access ta' l-istess minuri b'dan li l-minuri tkun ma' l-attur mill-Erbgha mis-2:30 p.m. sal-Hamis fis-2:30 p.m u mis-Sibt fis-2:30 p.m. sat-Tnejn fis-8:30 a.m. Fil-kumplament tal-granet tkun ma' l-omm mit-Tnejn fit-8:30 a.m. sa l-Erbgha fis-2:30 p.m. u mill-Hamis mis-2:30 p.m. sas-Sibt fis-2:30 p.m. kollox kif miftiehem bejn il-partijiet, kopja ta' liema ftehim gie esebit mill-attur b'nota tieghu datata l-1 ta' April 2005 u mmarkat bhala Dok. "WEP 1" a fol. 411 tal-process, b'dan li kif gja' fuq inghad skond il-ftehim milhuq fl-1 ta' Settembru 2005 kull tielet gimgha tax-xahar il-missier jiehu lit-tifla mill-Gimgha wara l-iskola sal-Hadd fit-8:00 a.m., wara liema perjodu mbaghad it-tifla tqatta' l-kumplament tal-Hadd sat-Tnejn ma' l-omm. Wara, ikompli jsegwi l-istess arrangament attwali dwar l-access. Il-partijiet qablu li diment li jiftehmu bejniethom jistghu

dejjem jaghzlu gimgha ohra flok it-tielet gimgha f’kaz ta’ bzonn.

Illi dan l-access ta’ kull genitur ghall-istess minuri ghandu jsehh fl-assenza ta’ terzi persuni tas-sess oppost li ma humiex parti mill-familja ta’ wiehed mill-partijiet, u l-Agenzija Appogg ghandha tara li l-istess arrangament jigi osservat miz-zewg partijiet bla ma ssir l-ebda pressjoni kwalunkwe fuq l-istess minuri.

3. Tilqa’ t-talba biss fis-sens li tikkomina kontra z-zewg partijiet l-provvedimenti ta’ l-**artikolu 48 tal-Kodici Civili**.

4. Tordna c-cessazzjoni tal-komunjoni ta’ l-akkwisti u dan b’effett mid-data ta’ din is-sentenza.

5. Tiddikjara xolta l-komunjoni ta’ l-akkwisti gja’ ezistenti bejn il-partijiet mid-data ta’ din is-sentenza u kwantu ghall-likwidazzjoni u divizjoni ta’ l-istess din il-Qorti taqta’ u tiddeciedi *arbitro boni viri* s-segwenti:-

Illi din il-Qorti tordna l-bejgh in subbasta tal-garaxx bl-isem “Springvale” New Street in Slipway Street, Marsascala, u mir-rikavat ta’ l-istess l-ewwel jithallas il-kont tad-dawl u ilma fl-ammont ta’ mitt lira Maltin u disgha u sittin centezmi (Lm100.69) lill-*Water Services Corporation* skond kont esebit bhala Dok. “W3” a fol. 365 tal-process, filwaqt li l-bilanc mir-rikavat jinqasam bin-nofs bejn il-partijiet.

Tordna lill-attur ihallas lill-konvenuta l-ammont ta’ erbat elef u mitejn u hamsa u sebghin lira Maltin (Lm4,275) bl-imghax legali mid-data tas-sentenza sa l-effettiv pagament u dan bhala sehem tal-konvenuta mill-ispejjez inkorsi fuq l-immobbli fuq indikati f’din is-sentenza.

Illi dwar oggetti mobbli kull parti ghandha zzomm il-mobbli li effettivament jinsabu fil-pussess taghha, b’dan pero’ li konvenuta ghandha tiehu t-*television* filwaqt li l-attur jiehu l-*video player.* Din il-Qorti tordna li l-attur ghandu wkoll ghar-ragunijiet fuq indikati jhallas lill-konvenuta s-somma ulterjuri ta’ elfejn, erba’ mija u tletin lira Maltin (Lm2,430)

ghas-sehem tal-konvenuta mill-mobbli fuq indikati u ghall-ispejjez tal-pjanu li saru minnha mill-introjtu taghha, u dan b'applikazzjoni anke ta' l-**artikolu 48 tal-Kap 16** kontra l-attur. Din is-somma ulterjuri ta' elfejn, erba' mija u tletin lira Maltin (Lm2,430) ghandha tithallas mill-attur lill-konvenuta wkoll bl-imghax legali ta' tmienja fil-mija (8%) mid-data tas-sentenza sa l-effettiv pagament.

Illi ghal kull bwon fini jigi ddikjarat li z-zewg immobbli "Casita Mia", Triq Sant' Anna, Marsascala u "Il-Harruba Farmhouse", Bidbi Road, Marsascala fuq indikati huma proprjeta' ta' Charles u Josephine Payne, il-genituri ta' l-attur u l-partijiet, fatt mhux kontestat mill-partijiet, b'dan li kontijiet dwar is-servizzi ta' l-istess ghandhom jithallsu mill-attur. F'dan il-kuntest tordna lill-konvenuta sabiex fi zmien xahrejn mid-data ta' din is-sentenza taghti c-cavetta lill-attur tal-fond "Casita Mia", Triq Sant' Anna, Marsascala.

6. Tichad din it-talba *stante* li ma hemmx bzonnha.

7. Tilqa' din it-talba biss fis-sens billi din il-Qorti tordna li kull parti ghandha tikkontribwixxi ghall-bzonnijiet ta' l-istess minuri fil-granet u l-hinijiet meta l-istess minuri tkun mal-missier jew ma' l-omm skond il-kaz u l-hinijiet fuq indikati, b'dan pero' li l-istess partijiet ghandhom jaqsmu bin-nofs l-ispejjez kollha relatati ma' l-edukazzjoni, inkluz mizata jew donazzjoni, xiri ta' uniformi, kotba u *stationery*, trasport lejn u lura mill-iskola, lezzjonijiet tal-privat li dwarhom jaqblu z-zewg partijiet, hlas ta' ezamijiet, u lezzjonijiet tal-pjanu u wkoll spejjez inkorsi ghas-sahha ta' l-istess minuri, inkluzi dawk ta' medicinali u visti medici, ordinarji u straordinarji. Barra minn dan din il-Qorti tordna lill-missier sabiex jikkontribwixxi ulterjorment bhala kontribuzzjoni tieghu ghall-manteniment ta' l-istess minuri s-somma ta' hamsin lira Maltin (Lm50) fix-xahar, liema ammont huwa pagabbli lill-omm ghall-istess minuri. Din il-Qorti tordna li dan l-ammont jibda jithallas b'effett mid-data ta' din is-sentenza, kull xahar bil-quddiem, u dan billi jitnaqqas direttament mill-paga ta' l-attur mill-*employer* tieghu u jintbghat direttament lill-konvenuta fir-residenza taghha. Din il-Qorti tordna lill-konvenuta sabiex a spejjez

taghha tinnotifika kopja legali ta' din is-sentenza lill-*employer* ta' l-attur sabiex l-istess jaderixxi ruhu ma' l-ordni hawn moghtija fit-termini tal-ligi. Fl-ahharnett tordna lill-istess missier sabiex ikompli jhallas il-*Life Insurance Policy Number* 552283 tal-minuri mal-MiddleSea Valletta Life Assurance Company Limited, kif jidher li kien u baqa' jaghmel anke fil-mori ta' dawn il-proceduri.

Bl-ispejjez kollha tal-kontro-talba jinqasmu bin-nofs bejn il-partijiet u tordna li kopja ta' din is-sentenza tigi notifikata u komunikata a spejjez tal-partijiet lill-Agenzija Appogg u lill-Kummissarju tat-Tfal.

Illi *inoltre* minhabba li din il-Qorti thoss li z-zewg partijiet abbuzaw mill-proceduri quddiem din il-Qorti, u dan huwa rifless kemm mill-mod li l-partijiet ressqu l-provi taghhom, u anke kif il-partijiet irregolaw il-gbir tal-provi u kif ukoll minhabba n-nuqqas ta' kull parti f'din il-kawza li tressaq il-provi taghha fi zmien ragonevoli u fit-termini ndikati mill-Qorti, u wkoll bil-mod kif il-partijiet inpikaw b'mod estrem ma' xulxin f'kull stadju ta' din il-kawza. Dan huwa rifless anke bl-ammont konsiderevoli u esegerat ta' rikorsi *pendenti lite* li gew ipprezentati, b'dan li jirrizulta bla ebda dubju li z-zewg partijiet tawlu l-proceduri bla bzonn anke minhabba l-pika esagerata taghhom, ghalhekk din il-Qorti b'applikazzjoni tal-**paragrafu 10 tal-Iskeda "A" tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta** tordna liz-zewg partijiet ihallsu s-somma ta' erba' mitt lira Maltin (Lm400) kull wiehed bhala spejjez addizzjonali fir-Registru tal-Qorti, liema hlasijet ghandhom isiru fi zmien tletin (30) gurnata mid-data ta' din is-sentenza.

**Moqrija**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------